ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tal-għaxar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

L-għaxar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Ic-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresediet il-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apologiji**

Preżenti kienu c-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mario Bartolo.

Il-Viċi-Chairperson is-Sur Norman Clews u s-Sur Luciano Farrugia kienu skużati.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tad-disgħa laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li giet issekondata mis-Sur Bartolo.

**Item 3 - Korrispondenza**

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn ingħatat konferma li s-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq Farfett tal-Fejġel saru skond l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*. Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta minn Transport Malta fejn ingħatat l-approvazzjoni sabiex isiru sinjali sofor faċċata tal-garaxx numru 5, fi Triq il-Bumellies.

**Item 4 - Affarijiet Oħra**

Is-Sur Agius reġa' semma l-bżonn li jitpoġġew qsari bi xtieli fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Agius semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq il-Werzieq.

Is-Sur Agius talab li jintbgħatu gwardjani lokali fi Triq il-Madaffa, Triq San Leonardu u Triq il-Farfett tal-Fejġel biex ma ssirx ħsara f'dawn it-toroq minn sewwieqa taż-żwiemel.

Is-Sur Bartolo talab li ssir laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija tad-Distrett. Is-Sur Bartolo qal li kien tkellem mal-Ispettur sabiex jitneħħa *caravan* kif ukoll dgħajsa li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilita` li l-Kumitat jorganizza attivita` kulturali għar-residenti li joqgħodu f'St Peter's u fil-viċinanzi.

Is-Sur Bartolo talab li tintbgħat ittra lir-residenti li joqgħodu fi Triq Madaffa, Triq il-Berebies u l-inħawi sabiex tintalab l-opinjoni tagħhom dwar liema toroq għadhom isiru *one-way*.

Is-Sinjura Debattista semmiet l-bżonn li titnaddaf l-art li hemm fi Triq l-Għakrux u li dan l-ilment għandu jitressaq lid-Dipartiment tas-Saħħa biex tittieħed azzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.40 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata de Noto
Deputat Segretarja Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-ħdax il-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 6 ta' April, 2011.

Maria Elena Debattista
Chairperson